MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 244/2007/1

**Mario Pisani**

**v.**

**Carmen Pisani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fl-4 ta' Gunju 2007 li jaqra hekk:

"1. Illi l-partijiet konjugi Pisani zzewgu fil-11 ta' Dicembru 1994 u minn dan iz-zwieg il-konjugi Pisani kellhom tifla jisimha A.B. li llum ghandha tmien (8) snin;

"2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, abbandun tad-dar konjugali, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi da parti tal-konvenuta intimata;

"3. Illi l-esponenti attur gie awtorizzat sabiex jipprosegwi b'dina l-istanza b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

"Tghid ghalhekk l-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnu kienet hatja tal-firda.

“2. tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu.

“3. tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri A.B. f'idejn l-esponenti jew fin-nuqqas, li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta bejn il-konjugi Pisani. Inoltre l-esponenti ghandu jkollu access adegwat versu l-istess minuri.

“4. tordna illi l-mara thallas retta alimentari ghal bintu minuri A.B. u dana fid-dawl tal-fatt li l-intimata ghandha impjieg fiss.

"5. tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili (Kap. 16).

"6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista inter alia tad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istes konvenuta

ghandha tkun kunsidrata li minnu kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

"7. tiddikjara li l-esponenti ghandu kreditu fuq il-fond matrimonjali u parafernali tal-mara ossia dak bin-numru 37 “Gaudi” Flat 2, William Baker Street Gudja. Konsegwentement fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif mitluba fit-talba numru 5, tordna illi tali ammont likwidat jithallas mill-mara lill-esponenti.

"8. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

"Bl-ispejjez, bl-imghax u b’hekk il-konvenuta minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol. 15) li in forza taghha eccepiet illi:
“(1) illi t-talbiet tar-rikorrent huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-separazzjoni bejn il-partijiet sehhet unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-istess rikorrent kif premess fil-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 134/05 u l-esponenti zomm ferm il-premessi u t-talbiet taghha kontenuti fl-istess u taghmilhom taghha bhala eccezzjonijiet fl-atti ta’ dan ir-rikors;

“(2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan ir-rikors huwa biss tentattiv iehor, minn hafna, da parti tar-rikorrent sabiex iwaqqaf jew b’xi mod itawwal il-proceduri ta’ separazzjoni bejn il-partijiet wara li huwa ghazel li jkun kontumaci fil-kawza ta’ separazzjoni fl-ismijiet inversi. Dan huwa wkoll evidenzjat mill-fatt illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza ta’ separazzjoni f’Marzu tas-sena 2005 u r-rikorrent ghogbu biss jipprezenta dan ir-rikors aktar minn sentejn wara;

"(3) illi fil-mertu, l-intimata tichad l-allegazzjonijiet kollha li saru fil-konfront taghha stante li lkoll huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ssostni li t-tort tas-separazzjoni jinkombi unikament fuq l-intimat principalment minhabba l-addizzjoni tieghu ghall-alkohol kif ukoll vjolenza fizika u morali, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fuq l-esponenti anki fil-presenza tal-minuri A.B. li llum ghandha tmien snin (8);

"(4) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi huwa fl-interess tal-minuri A.B. li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tibqa' fdata lill-esponenti kif fil-fatt ilu ghal dawn l-ahhar tlett snin (3) u dan stante l-fatt li kif gia` inghad ir-rikorrent ghandu problemi serji ta' dipendenza fuq l-alkohol u ghaldaqstant mhux f'posizzjoni li jiehu hsieb b'mod xieraq lill-istess minuri. In oltre f'dawn l-ahhar snin l-istess rikorrent wera kemm huwa mhux lest li jikkoopera lanqas matul il-hin tal-access tal-minuri b'rizultat li kellhom isiru sahansitra rikorsi sabiex ir-rikorrent jigi ordnat jiehu t-tifla l-muzew, u xorta wahda baqa' inadempjenti. L-esponenti di piu taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Perit Legali fil-kawza fl-ismijiet inversi fejn propona li l-access fil-konfront tal-minuri da parti tar-rikorrent ghandu jkun taht supervizjoni u dan ghaliex ir-rikorrent jikostitwixxi periklu ghall-minuri kull meta din tkun mieghu specjalment meta huwa jsuq taht l-influwenza tal-alkohol;

"(5) illi dwar it-talba ghall-manteniment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi r-rikorrent ghandu introjtu tajjeb hafna, kwazi d-doppju tal-esponenti u ghaldaqstant huwa l-istess rikorrent li ghandu jhallas manteniment xieraq ghal bintu A.B.;

"(6) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sanzjonijiet u d-disposizzjonijiet hekk kif kontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrent u mhux fil-konfront tal-esponenti;

"(7) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghat-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, fl-ewwel lok jigi eccepit illi r-rikorrent ma ghandu

l-ebda jedd fuq id-dar matrimonjali stante li hija proprjeta` parafernali tal-esponenti u teccepixxi ulterjorment li mhux minnu li r-rikorrent ghandu kwalunkwe kreditu fuq id-dar matrimonjali;

“(8) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-esponenti taghmel referenza ghar-rapport peritali tal-Avukat Dr. Mark Chetcuti, liema rapport gie pprezentat fil-kawza bl-ismijiet inversi li ggib in-numru 134/05 NC u terga’ tiddikjara li hija taqbel ma’ l-istess rapport u titlob li din l-Onorabbli Qorti timxi mal-konkluzjonijiet tal-istess rapport;

“(9) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b’referenza ghal-lista ta’ xhieda tar-rikorrent jigi eccepit li legalment ir-rikorrent ma jistax jirriserva li jressaq xhieda ohra izda jista’ jressaq biss dawk li huma indikati fir-rikors tieghu.”

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, rikors guramentat numru 134/05, u li z-zewg kawzi gew decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-istess jum;

Rat is-sentenza moghtija minn dik il-Qorti f’din il-kawza fit-30 ta’ Ottubru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi;

"[1] tilqa’ l-ewwel talba billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli principalment lill-attur u sekondarjament lill-konvenuta;

"[2] tilqa’ t-tieni talba;

"[3] tilqa’ it-tielet talba limitatament u fis-sens gja` deciz fis-sentenza precitata;

"[4] tichad ir-raba’ talba stante li t-tifla ser tibqa’ tghix mal-konvenuta;

"[5] tichad il-hames talba;

"[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens gja` deciz fis-sentenza precitata fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta' l-Akkwisti”;

“[7] tilqa' is-seba' talba fis-sens gja` deciz fis-sentenza precitata;

“[8] tilqa' it-tmien talba.

“L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, in kwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] mill-konvenuta, filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [$^{2}/_{3}$] jibqghu a kariku tal-attur.”

Rat li fis-sentenza taghha f'din il-kawza, l-ewwel Qorti ghamlet riferenza shiha ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza li tat fl-istess jum fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet, li, pero`, ghar-ragunijiet li se jinghataw 'il quddiem, mhux mehtieg li jigu riprodotti ghall-fini ta' din il-kawza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha minnu moghtija;

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma fit-totalita` taghha s-sentenza tal-ewwel Qorti u tichad l-appell tal-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewgu fil-11 ta' Dicembru 1994. Qabel, pero`, ma din il-Qorti titratta l-meritu tal-appell trid tikkunsidra aggravju procedurali li ressqet il-konvenuta appellata u li espremiet b'dan il-mod:

"Illi preliminarjament jigi eccepit illi l-mertu tad-decizjoni appellata llum huwa *res judicata* u ghaldaqstant dan l-appell ghandu jigi respint. Ghal dan il-ghan issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmen Pisani v. Mario Pisani** bic-citazzjoni numru 134/05 NC, liema citazzjoni, fuq talba tal-appellant stess, mxiet u giet deciza kontestwalment mad-decizjoni llum appelalta cioe` fit-30 ta' Ottubru 2008. Jigi sottomess li l-appellant ghazel li jinterponi appell unikament fuq id-decizjoni fl-ismijiet premessi u mhux f'dik bl-ismijiet inversi u ghaldaqstant la darba s-sentenza bic-citazzjoni numru 134/05 NC li titratta l-istess mertu identiku ghal dik appellata llum hija *res judicata* bejn il-partijiet, konsegwentement, l-Appell odjern ma jistax iregi. Altrimenti wiehed isib ruhu fil-possibilta` li jkun hemm zewg decizjonijiet diversi fuq l-istess mertu li *per conseguenza* ma jkunux jistghu jigu esegwiti u nfurzati."

Din il-Qorti tara' li, fic-cirkostanzi, ma tistax ma taghtix ragun lill-konvenuta. L-attur, f'dawn il-proceduri, qed jilmenta mill-fatt li l-kreditu favur tieghu ghall-benefikati li ghamel fid-dar matrimonjali li gie likwidat mill-ewwel Qorti kien ferm baxx, u mill-fatt li hu gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' €350 fix-xahar, oltre spejjez marbuta mal-edukazzjoni u sahha, bhala manteniment ghal minuri A.B.. Issa, l-ordni tal-manteniment <u>ma nghatax f'din il-kawza</u>, izda fil-kawza l-ohra istitwita mill-attrici <u>u li ghaddiet in gudikat</u>. F'din il-kawza, l-attur talab li jinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri jew access adegwat, u talab li l-mara tkun ikkundannata thallas manteniment ghat-trobbija tat-tifla. L-ewwel Qorti, f'din il-kawza, cahdet din l-ahhar talba u t-talba relattiva li l-kura u l-kustodja tal-minuri tinghata lilu, u fil-kawza l-ohra ordnat li t-tifla tibqa' mal-konvenuta, b'access favur l-attur, u kienet <u>f'dik il-kawza l-ohra</u> li ordnat lill-attur ihallas manteniment ghat-tifla. Kwindi, l-attur, f'din il-kawza ma jistax iressaq ilment kontra decizjoni li ma nghatatx! La darba l-attur f'din il-kawza, konvenut fil-kawza l-ohra, ma appellax mid-decizjoni li nghatat fil-kawza l-ohra, hu baqa' marbut ma' dik id-decizjoni, u ma jistax jipprova jappella minnha f'kawza ohra differenti, ankorke` bejn l-istess partijiet.

Ghar-rigward id-decizjoni dwar il-kreditu pretiz minnu, id-decizjoni relattiva inghatat fil-kawza l-ohra, pero`, giet mill-ewwel Qorti adottata ghal fini ta' din il-kawza, u dan fid-decizjoni fuq is-sitt talba tal-attur. Jibqa' l-fatt pero`, li l-komunjoni tal-akkwisti giet likwidata wkoll fil-kawza l-ohra, li issa ghaddiet in gudikat, u din il-Qorti ma tistax taghti sentenza li tista' tkun kontradittorja ghall-ohra li torbot lill-istess partijiet. L-effetti ta' *stare decisis* huma ta' ordni pubbliku u huma mahsuba biex iharsu c-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, u biex ibieghedu l-possibilta` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Aquilina v. Mamo noe**, deciza fid-19 ta' Novembru 2001:

*"hu principju bazilari li una volta l-meritu jkun gie deciz mill-Qorti u jghaddi in gudikat, l-ebda mod ta' kontestazzjoni ma kienet permessa hlief dik ta' straordinarja ta' ritrattazzjoni, u dana taht id-dritt ordinarju."*

L-attur f'din il-kawza kien waqa' kontumaci fil-kawza l-ohra u talba biex jiggustifika n-nuqqas tieghu li jikkontesta <u>dik</u> il-kawza giet michuda bhala mhiex misthoqqa. Huwa, pero`, xorta wahda ressaq il-kaz tieghu, u dan wara li hu stess ipprezenta kawza ghal separazzjoni personali li nstemghet flimkien mal-kawza li ressqet martu ghall-istess haga. L-attur pero` appella minn sentenza wahda, u halla l-ohra tghaddi in gudikat. Dak li hu marbut bih in forza ta' sentenza ma jistax ifittex li jwarrbu b'appell f'kawza ohra. Kif tajjeb osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Bartlett** deciza fit-8 ta' Novembru 2001:

*"fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga` jezisti filwaqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza."*

L-attur kien jaf li l-ewwel Qorti kienet tat zewg sentenzi li jolqtu l-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, u ma kellux

jinjora dak li gie deciz kontra l-interessi tieghu fil-kawza l-ohra, u jittanta jitlob rimedju b'appell f'din il-kawza.

Fuq kollox, din il-Qorti lanqas ma hi konvinta bil-validita` tal-aggravju tal-attur. Hu jghid li l-kreditu kellu jkun akbar biex jirrifletti dak li sostna fi *spreadsheet* li hu pprezenta. Dan id-dokument, pero`, ma kien ikkoroborat minn ebda prova. Hu veru li l-mara ma resqet ebda dokumentazzjoni biex turi li l-ispejjez relattivi m'ghamilhomx l-attur, pero`, meta xehdet fil-kawza l-ohra, kienet cara u preciza dwar xi spejjez ghamlet hi u liema ghamilhom zewgha, u l-ewwel Qorti kienet gustifikata taghti aktar affidabbilita` lill-mara milli lill-zewgha. Kwindi din il-Qorti, ma tarax li ghandha tiddisturba l-mod analitiku u preciz kif l-ewwel Qorti, anke bl-assistenza ta' perit legali minnha mahtur, illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti u pprovdiet ghall-qasma tal-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jiqbghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------